MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 366/2006

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Schembri Infrastructures Limited gia' General Road Servicing Limited (C17388)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikatipprezentat fil-21 ta' Novembru tas-sena 2006 izda stranament imhallas l-ghada, (ara it-timbri ufficcjali a fol 1), li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija u tnax –il Lira Maltin, u tnejn u tmenin centezmu, (LM3712.82,0), in konnessjoni ma' hsarat

ikkagunati lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt xoghlijiet fi Triq l-Imdina, Zebbug, Malta f’April tas-sena 2005 u dan skond fattura bir-riferenza MC00193 datata 10 ta’ Settembru tas-sena 2005; (GT3/2005/17);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittri ufficcjali, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata datata l-1 ta’ Dicembru tas-sena 2006 li permezz taghha wiegbet is-segwenti:

1. Ili d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ghall-incident li fih is-socjeta’ attrici tallega li sofriet il-hsara msemmija fir-rikors, is-socjeta’ eccippjenti ma kellha l-ebda htija;

2. Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xheida prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament jigi sottolineat li fil-procedura odjerna s-socjeta’ attrici giet intromessa biss wara rikors appozitu u digriet relattiv datat it-28 ta’ Novembru tas-sena 2007 wara li s-socjeta’ de quo bidlet isimha;

2. Illi l-vertenza odjerna hi naxxenti minn rapport maghmul minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici

datat id-19 t'April tas-sena 2005, li l-gurnata ta' qabel kien instabu xi "cables" ta' l-istess socjeta' maqtughin fi Triq l-imdina, Haz-Zebbug;

3. Illi fil-post fejn instabet il-hsara in dizamina kien qed jahdem Anthony Schembri tas-socjeta' konvenuta;

4. Illi kif jidher mid-dokumenti mghoddija lis-socjeta' intimata qabel ma beda x-xoghol ta' skavar de quo, fil-post fejn kellu jsir dan ix-xoghol kien hemm diversi "cables" proprjeta' tas-socjeta' attrici;

5. Illi jidher li meta beda jsir it-thaffir kien ukoll individwat il-post fejn kien hemm il-"cables" u gew debitament immarkati biz-zebgha skond l-uzu korrenti f'dawn ic-cirkostanzi;

6. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet obbligata ma tkomplix tqatta' bl-ingenji kbar u nonostante dan ma ghamlitx hekk u kkagunat il-hsarat de quo;

7. Illi skond id-dokumenti esebiti l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici hu debitament ipprovat;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi r-riposta tas-socjeta' intimata, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata hi unikament responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida dan id-danni fl-ammont ta' tmint elef u wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€8,621.81);

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata Schembri Infrastructures Limited (C17388) biex thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici, Go p.l.c., bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------